# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 526/2015/VG**

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) u John Debono (KI657658M)**

**vs**

**1) Awtorita ghat-Trasport f'Malta**
**2) Kunsill Lokali Msida**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-3 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsuhom is-somma ta' elfejn mija tnejn u erbghin euro u erbgha u tletin centezmi ta' euro [€2,142.34c] u dan wara li ppremettew hekk:

> Illi gew kkagunati danni lill-vettura KTH-801, proprjeta ta' John Debono, u dan minhabba nuqqas ta' manutenzjoni u zamma tajba tat-Triq H. Calleja Schembri, Msida (Dok A u B), responsabilita tal-konvenuti jew min minnhom;

Illi sar rapport ta’ dan l-incident lill-Pulizija liema rapport igib in-numru PIRS II 6/M/620/2013 (Dok C);

Illi l-intimati gew interpellati sabiex jersqu ghal-hlas tad-danni sofferti u dan permezz ta’ zewg ittri ufficjali pprezentat fis-27 ta’ Settembru 2013 u fis-16 ta’ Dicembru 2014 (Dok D u Dok E) izda dawn ma resqux ghall-accettazzjoni ta’ responsabilita u hlas tad-danni sofferti.

Illi d-danni sofferti jammontaw ghal E2142.34, u dan kif jirrizulta mill-anness rendikont (Dok F) u ircevuti relattivi (Dok G sa J).

Illi l-intimati jew minn minnhom ghandhom jigu kkundannati minn dan it-Tribunal sabiex ihallsu s-somma ta’ E2142.34, rapprezentanti danni sofferti flimkien mal-ispejjez inkluz tal-ittri ufficjali, u BL-INTERESSI mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-intimati gew debitament notifikati it-tnejn li huma fl-10 ta’ Lulju, 2015;

**Ra r-risposta ta’ l-Awtorita intimat minnha pprezentata fl-14 ta’ Lulju, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

1) Illi l-lokalita fejn sehh l-incident ma jaqax taht ir-responsabbilta tal-Awtorita intimata;

2) Illi ghaldaqstant, kull talba ghal hlas ghal danni alegatament sofferti mir-rikorrenti m’ghandhomx jigu diretti lilha;

Bl-ispejjez.

Ra li l-Kunsill intimat baqa ma pprezenta l-ebda risposta;

Ra l-verbal tad-29 ta' Ottubru, 2015 fejn it-Tribunal iddikjara l-istadju tal-gbir tal-provi bhala maghluqa;

Ra l-verbal tad-29 ta' Ottubru, 2015 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas minghand l-intimati, je wmin minnhom, tas-somma ta' elfejn mija tnejn u erbghin euro u erbgha u tletin centezmi ta' euro [€2,142.34c] bhala danni li r-rikorrenti John Debono sofra fil-vettura tieghu bil-pjanca ta' registrazzjoni numru KTH-801, nhar it-22 ta' Marzu, 2013 minhabba nuqqas ta' manutenzjoni u zamma tajba tat-Triq H. Calleja Schembri gewwa l-Imsida, liema danni ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta rikorrenti.

2. L-Awtorita intimat laqghet ghal din it-talba tar-rikorrenti billi qalet li l-lokalita fejn sehh l-incident ma jaqax taht ir-responsabbilta taghha u li ghalhekk kull talba ghal hlas ghal danni alegatament sofferti mir-rikorrenti m'ghandhomx jigu diretti lilha.

3. Il-Kunsill intimat baqa ma pprezenta l-ebda risposta.

Ikkunsidra;

4. **Dustin Camilleri** *legal and recovery officer* tas-socjeta rikorrenti qal li r-rikorrenti John Debono huwa assikurat mas-socjeta rikorrenti u li din kienet hallsitu s-somma ta' €1,964.30c bhala danni ghal incident li kien involut fih ir-rikorrenti u l-istess socjeta rikorrenti kienet giet surrogata fid-drittijiet tieghu. Ir-rikorrenti da parti tieghu hallas l-*excess* ta' tmenin euro (€80).

5. **Pio Farrugia**, assistent direttur fid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qal li wara li ghamel vverifiki mal-pjanta fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali, it-Triq H. Calleja Schembri gewwa l-Imsida taqa taht il-kompetenza tal-Kunsill Lokali tal-Imsida.

Ikkunsidra ulterjorment;

6. Ghalkemm il-provi huma skarni, t-Tribunal jikkunsidra li r-rikorrenti irnexxielu jippruvaw il-kaz taghhom. L-istess haga jinghad ghar-rigward tad-danni. Jirrizulta ukoll mir-ritratti esebiti li fit-triq in kwistjoni verament kien hemm sinistru u li kawza ta' dan giet ikkawzata l-hsara li ghaliha ghamlet tajjeb is-socjeta rikorrenti. Dan huwa ikkonfermat ukoll minn qari tal-PIRS report.

7. Ir-rapprezentant tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali qal li t-triq li fiha sehh is-sinistru taqa taht il-kompetenza tal-Kunsill Lokali intimat u konsegwentement id-danni subiti mir-rikorrenti ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-istess Kunsill intimat.

8. L-Awtorita intimata ma ghandha x'taqsam xejn ma l-akkadut jew mas-sinistru u konsegwentement it-talba fil-konfront taghha sejra tigi michuda.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1. Jilqa l-eccezzjonijiet ta' l-Awtorita ntimata u konsegwentement jichad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront taghha;

2. Jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-Kunsill intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn mija tnejn u erbghin euro u erbgha u tletin centezmi ta' euro [€2,142.34c] flimkien ma' l-imghaxijiet legali dekorribbli fuq dan l-ammont mis-27 ta' Settembru, 2013, data ta' l-ittra ufficjali (fol. 9) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghar-rigward ta' l-Awtorita intimata ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom ir-rikorrenti, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-Kunsill intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**